*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

**LAQGĦA - AĠENDA NUMRU 35 – 29 ta’ Settembru 2021**

***Minuti tal-ħamsa u tletin laqgħa tal-Kunsill tat-tmien Leġislatura tal-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ, Ċittà Rohan, li saret nhar id-29 ta’ Settembru 2021 fis-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta’ Ħaż-Żebbuġ iltaqa’ fit-6:00 ta’ filgħaxija sabiex issir Aġenda Numru 35. Il-laqgħa bdiet fl-6:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Preżenti:** | **Dr. Malcolm P. Galea** | Sindku |
| | **Mark Camilleri** | Viċi-Sindku |
| | **Steve Zammit Lupi** | Kunsillier |
| | **Philip Edrick Zammit** | Kunsillier |
| | **David Battistino** | Kunsillier |
| | **Patrick Bonnici** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti b’Apoloġija:** | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |

**Pubbliku:** **Ħadd**

**Uffiċjal preżenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Eżekuttiv

---

**35.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;**

Ma kien hemm l-eda ittra ta' apoloġija.

**35.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea ppropona li l-minuti jkunu approvati kif preżentati. Huwa kien sekondat mill-Kunsillier Philip Edrick Zammit. Il-minuti kienu approvati.

**35.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

**35.3.1** Wara komunikazzjoni mis-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea dwar il-fatt li wieħed mill-ħaddiema tas-CWSEF Marcel Sciriha ser jispiċċa bil-pensjoni, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera preżenti kollha:

1. li tinħareġ sejħa għal xogħol part-time sabiex il-ftuħ u l-għeluq tal-ġonna li kien isir minn dan l-impjegat jibqa għaddej b'mod normali. Ġie maqbul ukoll li l-ammont li għandu jitħallas għal dan ix-xogħol m'għandux jeċċedi Eur350 fix-xahar.

2. li tinħareġ sejħa għall Tradesman (Mason) Skala 16.
3. li tinħareġ sejħa għal Clerk (Skala 16) sabiex ikun jista jassisti lis-Segretarju Eżekuttiv.

35.3.2 Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius qal li fit-telgħa ta' bejn Ħ'Attard u Ħaż-Żebbuġ, hemm soft area li hija żdingata għall-aħħar, mimlija skart u pjanti li huma mitluqa. Huwa qal li qabbad kuntrattur sabiex inaddaf u jħawwel siġar sabiex din is-soft area tisbieh.

Dwar is-soft areas li hemm ġewwa Ħal Mula, s-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li hemm numru ta' arbuxelli mejtin li jeħtieġ li jinqalgħu u jitħawlu siġar oħrajn flokhom. Huwa ssuġġerixxa li dawn it-tħawwil isir mill-Kunsilliera lkoll flimkien.

35.3.3 Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea informa lill-Kunsill li daħlu diversi rapporti dwar l-istruttura ta' Triq Maestro Filippo Galea. Għaldaqstant ġew mitkellma kemm il-Perit Malcolm Cachia kif ukoll l-Avukata Phyllis Aquilina sabiex jistħarrġu x'inhuma l-obligazzjonijiet tal-Kunsill. L-avukata Phyllis Aquilina qalet li t-triq hija privata pero la hija miftuħa għall-pubbliku, il-Kunsill obbligat kif filfatt għamel, li jagħti t-tarmac. Pero r-responsabbilita tal-Kunsill tieqaf hemmhekk. Il-Perit Malcolm Cachia ġie mqabbad sabiex iħejji rapport dwar il-problemi fl-istruttura tal-post u minn x'hiex ġew ikkawżati. Il-parir li nghata minghand il-Perit huwa li ma jitħallewx jidħlu vetturi ta' 'l fuq minn 4 tunnellati, u għaldaqstant il-Kunsill kellu jwaqqaf permessi ta' heavy vehicles f'din it-triq. Fuq parir tal-Avukat ġew infurmati l-entitajiet kummercjali li jagħtu servizz f'din it-triq permezz ta ittra reġistrata. L-iżvilluppaturi tas-sit inkitbitilhom ittra mill-Avukat Phyllis Aquilina u sad-data ta' din il-laqgħa kienu għadhom ma bagħtux risposta. Għaldaqstant fuq parir tal-Avukat Aquilina sar rapport lill-Kummissarju tal-Pulizija.

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut**, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** zebbug.malta.lc@gov.mt ***Tel:*** *21 468181*

35.3.3 Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal wara li ħa parir mingħand l-Avukat Phyllis Aquilina, il-proċess tal-Aġġudikazzjoni tat-Tender għall-iskart Goff għandu jerġa jibda mill-bidu.

**35.4 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements 2020**

Fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea, sekondata mill-Viċi Sindku Mark Camilleri, il-laqgħa waqgħet fi stadju ta' kumitat sabiex ikun jista jitkellem l-Accountant Paul Bugeja dwar l-Audited Financial Statements tal-2020. Wara li ġew spjegati l-aġġustamenti mill-Accountant, il-laqgħa reġgħet ġiet fi stadju ta' Kunsill.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea ppropona li dawn l-aġġustamenti jkunu approvati. Huwa kien sekondat mill-Viċi-Sindku Mark Camilleri. Kien hemm qbil unanimu. L-Audited Financial Statements ghas-Sena 2020 ġew approvati.

**35.5 Pjazza Pedonali**

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li Pjazza Pedonali kienet ta' success. Kulħadd ħa pjaċir u kien hemm il-kummerċ fil-ħwienet u r-ristoranti.

Il-Kunsillier Steve Zammit Lupi qabel mas-Sindku, pero qal li fid-drabi li jmiss, il-ħwienet u l-każini għandhom ikunu nfurmati qabel. Min-naħa tiegħu, informa ill-Kunsill li fil-ħin li l-pjazza kienet magħluqa għat-traffiku, qabel ma bdiet l-attivita, iz-zebra crossings ġew miżbugħa.

**35.6 Compliance Review – Overtime Purtinara 2017-2019**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li wara li daħal rapport lid-Dipartiment tal-Kunsill Lokali saret investigazzjoni nterna sabiex ikun stabilit jekk il-purtinara tal-iskola li kienet jitħallsu extra mill-Kunsill sabiex jiftħu u jgħalqu l-iskola f'ħinijiet straordinarji, kienetx tinqatalhom it-taxxa fuq id-dħul. Fir-rapport li ħejja id-Dipartiment tal-Kunsill Lokali, ġie konkluż li din t-taxxa ma nqatgħetx u ma tħallsitx lid-Dipartiment tat-Taxxi u għaldaqstant kellha tkun irkuprata u mħallsa lid-Dipartiment tat-Taxxi. Dan kollu huwa responsabbilita tas-Segretarju Eżekuttiv attwali.

**35.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera**

Dwar il-proġett li għaddej fi Triq Sciortino mill-Infrastructure Malta, il-Kunsillier David Battistino, tenna li bħala awtorita lokali l-Kunsill Lokali kellu jingħata ċ-ċans isemma' leħnu dwar dan ix-xogħol. Mhuwiex korrett li jibdew ix-xogħlijiet qabel mal-Kunsill seta' jagħti l-kundizzjonijiet tiegħu. Huwa jħoss li bħala Kunsill, għandu jinħareġ statement fuq il-media soċjali. Tali azzjoni timmina l -Awtorita tal-Kunsill Lokali.

Is-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea qal li jinsab iddiżappuntat bl-aġir ta' IM. Dawn ix-xogħlijiet qed isiru sabiex isir storm water culvert u jingħadda cable tad-dawl. Dan il-cable

qed isir għal wieħed mill-każini, pero l-Kunsill ma kellu l-ebda informazzjoni mill-Każin li dan ix-xogħol ħa jsir. Is-Sindku kompla jgħid li ftit qabel kien waqqaf lill-Każin Banda San Ġużepp milli tuża s-servizzi ta' IM sabiex tħaffer numru ta' toqob f'Misraħ San Filep sabiex ikunu jistgħu jintużaw għan-nar tal-art. Dwar dan l-item is-Sindku qal li tali toqob isiru biss bi qbil mat-tlett każini u bil-partecipazzjoni tal-Pulizija.

Fi tmiem id-diskussjoni dwar dan l-item kien maqbul li l-Kunsill jagħmel stqarrija fuq il-Media Socjali u li tintalab laqgħa mas-CEO ta Infrastructure Malta.

**35.9 Vot tal-Flus**

Fuq proposta tas-Sindku Dr. Malcolm P. Agius Galea sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi, il-vot tal-flus kien approvat unanimament.

**35.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Din il-laqgħa spiċċat fit-8:30pm. Il-laqgħa ġiet aġġornata sine die.

**Dr. Malcolm P. Galea** | **Paula M. Valletta**

**Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv**

*Ħaż-Żebbuġ - Citta' Rohan*

***KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ***

***Sindku (Mayor):*** Dr Malcolm Paul Galea MD MSc (Family Medicine) MMCFD MRCGP (Int)

***Viċi-Sindku (Vice Mayor):*** Mark Camilleri BSc (Hons.) ALIBF

***Kunsilliera (Councillors):*** Steve Zammit Lupi Bachelor of European Studies (Honours) with Communications,
Clive Azzopardi ACCA CPA MIM MIA, Philip Edrick Zammit,
Patrick Bonnici B.A (Hons.)(Melit), P.G.C.E.(Melit), Dip.Mrkt.(Melit), M.A.(ISSS)(Melit),
George Cortis, Kevin Glynn, David Battistino

***Segretarju Eżekuttiv (Executive Secretary):*** Paula Marie Valletta B. Com (Hons.) Banking & Finance, M A (Financial Services)
***Indirizz (Address) : Triq Frans Sammut****, Ħaz-Żebbug, ŻBG 1905,*
***e-mail:*** *zebbug.malta.lc@gov.mt* ***Tel:*** *21 468181*